V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10402 — Blackstone/GTCR/Campaign Parent)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 325/02)

1. Fil-5 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Il-Blackstone Group Inc. ("Blackstone", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— GTCR, LLC ("GTCR", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Campaign Parent, LLC ("Campaign Parent", l-Istati Uniti tal-Amerka), inklużi s-sussidjarji tagħha Simplifi Holdings, Inc. ("Simplifi", l-Istati Uniti tal-Amerka) u The Advantage Software Company, LLC ("Advantage", l-Istati Uniti tal-Amerka) (flimkien il-"Kumpanija fil-Mira").

Blackstone u GTCR jakkwistaw il-kontroll bi sħab, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, Campaign Parent kollha kemm hi, li bħalissa hija kkontrollata esklużivament minn fondi ġestiti minn GTCR. Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Blackstone: ditta globali tal-ġestjoni tal-assi u tal-investiment,

— għal GTCR: ditta tal-investiment tal-ekwità privata, iffukata fuq is-servizzi finanzjarji u t-teknoloġija, il-kura tas-saħħa, it-teknoloġija, il-media u t-telekomunikazzjonijiet u l-industriji tas-servizzi tan-negozju,

— Campaign Parent: entità azzjonista finali ta' żewġ sussidjarji operattivi, Simplifi u Advantage,

— Simplifi: pjattaforma teknoloġika li tgħin lil dawk li jirreklamaw ibigħu r-reklami online, inkluż fuq il-web, il-web mobbli, fl-apps u mar-reklamar tat-TV Konness,

— Advantage: fornitur ta' software fil-livell tal-intrapriża ddisinjat għall-aġenziji tar-reklamar u l-kumpaniji tal-kummerċjalizzazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/200 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10402 — Blackstone/GTCR/Campaign Parent

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.